MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tat-28 ta' Ottubru, 2004

Citazzjoni Numru. 114/1999/1

**Maria Concetta *sive* Connie Attard, mart Michael, minnu legalment separata, f'isimha proprju u ghan-nom, in rapprezentanza, u fl-interess suprem tat-tliet uliedha minuri mill-istess Michael, u cjoe' Christian, Edmike u Michael li ghadhom ilkoll minuri.**

**vs**

**Michael Attard**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici datata 18 ta' Jannar 1999 a fol. 1 sa 4 tal-process fejn gie premess:-

Illi l-attrici hija omm ta' madwar seba' u tletin (37) sena, mizzewga lill-konvenut imma legalment separata minnu, u li minnu kellha tliet ulied minuri li prezenzjalment jisimhom

kwantu ghal Christian ta' madwar tlettax-il sena (13) – li huwa retardiv mentalment, Edmike ta' madwar hdax-il sena (11), u z-zghir Michael ta' madwar seba' snin (7). Illi l-attrici tirrisjedi flimkien mat-tliet uliedha minuri f'appartament numru 2, Binja San Clemente, Indipendenza Flats, Gebel ta' San Martin, iz-Zejtun – ZTN 08, u li ghandha n-numru tal-karta ta' l-identita' 422262 (M).

Illi l-attrici sseparat legalment permezz ta' kuntratt datat hdax ta' Frar, ta' l-elf disa' mija hamsa u disghin (11/02/1995), in atti Nutar Dottor Carmel Gafa', LL.D. fejn f'artikolu erba' (4) ta' l-istess kuntratt, il-konvenut zewgha, li wara diversi ndirizzi llum jirrisjedi aktarx f'numru 30, Villambrosa Street, gewwa l-Hamrun, u bin-numru tat-telephone 245591, f'dan l-artikolu erbgha (4) l-konvenut kien obbliga lilu nnifsu li jivversa lill-attrici ghaliha u ghat-tliet ulied minuri l-ammont ta' tmenin lira Maltin (Lm80) kull hmistax, u li regolarment il-konvenut rari li onora jew hallas dan il-manteniment, anke fid-dawl ta' kawza numru 752/95 GV, fl-ismijiet "Attard Michael vs Attard Concetta *sive* Connie" fejn din il-kawza sussegwentement giet ceduta mill-istess konvenut odjern, u dan wara li l-kuntratt originali ta' separazzjoni kien gie rivedut quddiem is-Sekond' Awla tal-Qorti Civili permezz ta' kuntratt iehor ukoll in atti Nutar Dottor Camel Gafa' LL.D.

Illi sal-wiehed u tletin ta' Lulju ta' l-elf disa' mija sebgha u disghin (31/07/1997), l-attrici *de proprio et nomine* kellha tiehu bhala arretrati ta' manteniment minghand il-konvenut l-ammont ta' erbat elef, tmien mija u tletin lira Maltin (Lm4,830), liema ammont ovvjament wara l-wiehed u tletin ta' Lulju ta' l-elf disa' mija u sebgha u disghin (31/07/1997) illum zdied sostanzjalment.

Illi minhabba l-fatt li l-konvenut ma huwiex qieghed jivversa ebda ammont ta' alimenti la lill-attrici personalment, u lanqas ghat-tliet ulied minuri, l-attrici kellha tavvicina lid-Dipartiment tas-Sigurta' Socjali li permezz tal-fergha f'numru disgha (9), Our Lady of Mercy Street, fiz-Zejtun, accettaw li jaghtuha l-ghajnuna socjali bil-kundizzjoni li l-istess attrici f'isimha u ghan-nom tat-tliet

itfal minuri tinizja proceduri legali adegwati sabiex tkun tista’ tiggustifika l-ghoti lilha u lit-tliet uliedha minuri ta’ assistenza socjali mill-istat, u fl-istess waqt li l-istess attrici *de proprio et nomine* tkun qed taghmel hilitha biex jekk il-konvenut huwa f’qaghda li jenforza l-manteniment, permezz ta’ sentenza ta’ Qorti tigi likwidata s-somma dovuta bhala arretrati ta’ manteniment, u tigi ffissata dik ir-retta alimentari kemm ghall-attrici kif ukoll ghat-tliet ulied minuri minn din l-Onorabbli Qorti, liema sentenza mbaghad tkun tista’ tigi enfozata u anke esegwita, mill-istess Dipartiment tas-Sigurta’ Socjali jekk ikun il-kaz. Kwindi fic-cirkostanzi, minkejja l-inkomunikabilita’ bejn il-kontendenti konjugi Attard, l-attrici ma kellha l-ebda triq ohra ghajr li tintavola din il-kawza odjerna.

Illi l-istess attrici talbet lil din il-Qorti sabiex ghar-ragunijiet premessi tisma’, tevalwa u taqta’, tiddeciedi u tordna:-

1. Illi l-konvenut Attard Michael huwa moruz f’ammonti ta’ manteniment li huwa kien legalment permezz ta’ kuntratt obbligat li jivversa lill-attrici ghaliha nfisha u ghat-tliet uliedu minuri, u li fin-nuqqas li huwa m’onorax dan l-obbligu, din il-Qorti ghandha tikkonferma li l-obbligu kontrattwali ghadu hemm u tillikwida l-arretrati ta’ manteniment dovuti ghall-attrici u ghat-tliet uliedha minuri;

2. Illi fid-dawl tal-provi mressqa mill-istess attrici, il-konvenut Attard Michael ghandu jigi kkundannat ihallas lill-attrici, bl-imghaxijiet legali minn data li tistabbilixxi din l-Onorabbli Qorti, dik ir-retta alimentari dovuta a bazi tas-separazzjoni konsenswali li sehhet bejn il-kontendenti konjugi Attard u dana wara li l-Qorti tillikwida l-ammont ta’ arretrati li huma fic-cirkostanzi hekk dovuti sad-data li effettivament tkun giet intavolata din ic-citazzjoni odjerna;

3. Illi mid-data li fiha tkun giet intavolata din il-kawza odjerna u sal-jum li fih il-kawza odjerna tkun giet deciza definittivament *(res judicata)* dina l-Onorabbli Qorti ghandha tirrevedi l-ammont ta’ retta alimentari li l-konvenut ghandu jivversa lill-attrici u lit-tliet uliedu minuri mehud in konsiderazzjoni dak li tesigi l-Ligi ta’ Malta, u cjoe’ l-htigijiet ta’ l-attrici ghaliha, u ghat-tliet uliedha minuri

u l-kundizzjoni socjali ta’ l-istess kontendenti konjugi Attard fid-dawl ta’ l-impjieg jew l-impjiegi jew hidma bi qliegh li jaghmel l-istess konvenut Attard Michael;

4. Illi fl-eventwalita’ li l-konvenut jibqa’ kontumaci, allura din il-Qorti tinnomina kuraturi deputati biex jirrapprezentaw lill-kontumaci konvenut Attard Michael u jigi nominat ukoll perit legali halli jigu likwidati l-arretrati ta’ alimenti dovuti lill-attrici *proprio et nomine* kif ukoll tigi ffissata retta alimentari gdida li tkun tirrispekkja l-htigijiet attwali ta’ l-attrici ghaliha u ghat-tliet uliedha minuri, kif ukoll il-kundizzjonijiet socjali tal-kontendenti konjugi Attard u l-introjtu mill-hidma jew impjiegi li ghandu l-istess konvenut Attard Michael;

5. Illi jinghataw dawk id-direttivi, ordnijiet u kwalsiasi provvediment opportun a bazi tat-talbiet attrici kif hawn fuq suesposti, fl-interess mhux biss ta’ l-attrici *proprio* imma anke tat-tliet uliedha minuri, b’mod illi l-konvenut mhux biss jigi kkundannat u obbligat imma illi jekk hemm bzonn mis-salarju tieghu jitnaqqsu direttament dawk l-ammonti legalment possibbli biex jigu versati direttament lill-attrici *proprio et nomine* halli l-konvenut ma jibqax jabbuza fin-nuqqas tieghu li jivversa manteniment lill-attrici ghaliha u ghat-tliet uliedu minuri.

Bl-ispejjez kollha, gudizzjarji u extra gudizzjarji, kontra l-konvenut Attard Michael, li minn issa jigi ngunt in subizzjoni, inkluz l-ittri gudizzjarji u l-ittri nterpellatorji li ntbaghtulu u gew debitament notifikati lilu.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol. 6 sa 13 tal-process;

Rat il-lista ta’ xhieda u d-dokumenti esebiti a fol. 14 sa 20 tal-process;

Rat il-verbali tas-seduti quddiem din il-Qorti diversament presjeduta mill-Onorevoli Imhallef Noel Arrigo tas-16 ta’ Settembru 1999 fejn il-Qorti laqghat it-talba ta’ l-attrici sabiex tinnotifika lill-konvenut wara l-hinijiet legali; u tad-29 t’Ottubru 1999 fejn deher il-konvenut li ta ruhu

b’notifikat bic-citazzjoni attrici u bl-avviz tas-smiegh tal-kawza.

Rat ir-rikors tal-konvenut tat-13 ta’ Jannar 2000 fejn spjega lill-Qorti li wara li rcieva c-citazzjoni attrici qatta’ xi granet l-isptar, u ghaldaqstant talab il-fakolta’ sabiex jirrispondi ghall-istess.

Rat il-verbali quddiem din il-Qorti diversament presjeduta tat-28 ta’ Jannar 2000; tat-23 ta’ Marzu 2000 fejn xehed il-konvenut; tat-28 t’April 2000 fejn il-konvenut ipprezenta certifikat mediku, liema certifikat il-Qorti talbet li jigi guramentat; tas-16 ta’ Mejju 2000; tat-23 ta’ Mejju 2000; tal-1 ta’ Gunju 2000 fejn il-konvenut ipprezenta affidavit tieghu, iehor tat-tabib Dr. Valhmor Zammit u certifikat mediku mahrug mill-istess tabib. Il-Qorti diversament presjeduta pprefigiet terminu terminu ta’ ghoxrin gurnata sabiex il-konvenut jipprezenta l-eccezzjonijiet tieghu, u nnominat lil Dr. Mariella Gonzi bhala Assistent Gudizzjarju sabiex tigbor il-provi fil-kawza; tas-16 t’Ottubru 2000 fejn il-Qorti ddikjarat il-konvenut fi stat ta’ kontumaci peress li naqas li jipprezenta l-eccezzjonijiet tieghu; tat-13 ta’ Frar 2001; tat-18 ta’ Settembru 2001; tas-7 ta’ Jannar 2002; tat-18 ta’ Frar 2002 fejn il-kawza giet differita sabiex tkompli tinstema’ minn din il-Qorti kif prezentament presjeduta.

Rat il-verbali ta’ din il-Qorti hekk attwalment kif presejduta tas-16 t’April 2002; tal-31 t’Ottubru 2002 fejn l-Assistenta Gudizzjarja giet ordnat tiffissa zewg seduti ghall-provi kollha attrici; u tas-6 ta’ Frar 2003 fejn billi rrizulta li mill-ahhar verbal ma sar xejn, il-kawza giet differita Sine Die.

Rat ir-rikors ta’ l-attrici datat 28 ta’ Frar 2003 fejn hija pprezentat certifikat mediku u talbet li l-kawza tigi riappuntata.

Rat id-digriet sussegwenti tal-Qorti tat-3 ta’ Marzu 2003 fejn qabel xejn il-Qorti ordnat lill-attrici tipprezenta x-xhieda kollha taghha permezz ta’ l-affidavits fi zmien tletin gurnata.

Rat in-nota ta’ l-attrici datata 14 ta’ Mejju 2003 li permezz taghha esebiet l-affidavit taghha u xi dokumenti.

Rat ir-rikors ta’ l-attrici pprezentat fl-14 ta’ Mejju 2003 fejn wara li spjegat li d-difensur taghha ma lahaqx ipprezenta l-affidavit taghha fil-hin peress li kien indispost, talbet li l-kawza tigi riappuntata.

Rat id-digriet tal-Qorti tal-15 ta’ Mejju 2003 fejn laqghet it-talba attrici u rriappuntat il-kawza ghas-smiegh ghas-17 ta’ Gunju 2003.

Rt il-verbal tas-17 ta’ Gunju 2003 fejn l-attrici ddikjarat li m’ghandhiex provi izjed. Inghata digriet affidavit tal-konvenut b’terminu ta’ erbghin (40) gurnata. Il-Qorti nnominat lil Dr. Kenneth Gulia bhala Assistent Gudizzjarju sabiex izomm zewg seduti fil-mori tad-differiment ghall-provi kollha tal-partijiet.

Rat in-nota tal-konvenut datata 6 t’Awissu 2003 li permezz taghha esebixxa l-affidavit tieghu.

Rat in-nota ta’ l-attrici tat-22 t’Awissu 2003 fejn iddikjarat li l-affidavit tal-konvenut kien ipprezentat tardivament u fih xi inezattezzi, u ghaldaqstant b’nota ohra fid-19 ta’ Settembru 2003, l-istess attrici pprezentat affidavit ulterjuri taghha in risposta ghal dak tal-konvenut.

Rat il-verbal tat-28 t’Ottubru 2003 fejn Dr. Martin Fenech ghall-konvenut imsejjah diversi drabi baqa’ ma deherx.

Rat ir-rikors tal-konvenut datat 9 ta’ Dicembru 2003 fejn talab li l-kura u kustodja tal-minuri Edmike tigi fdata lilu.

Rat il-verbal tal-10 ta’ Dicembru 2003 fejn il-konvenut iddikjara li jahdem fl-indirizz: 79, Qormi Road, Santa Venera u jaqla’ tnejn u sittin liri Maltin (Lm62) fil-gimgha, u ddikjara wkoll li l-kamra fejn jghix hija kkundannata. Il-Qorti ordnat lill-konvenut sabiex iharrek lis-*Social Worker* li quddiemha gie ffirmat il-ftehim sabiex din tinformaha kenitx taf li r-residenza li semma l-konvenut hix kundannata kif qed jigi allegat.

Rat ir-rikors tas-*Social Worker* Josephine Caruana fi hdan l-Agenzija Appogg fejn ipprezentat certifikat mediku u talbet li tigi mharrka biex tixhed f'gurnata ohra peress li tinsab indisposta.

Rat il-verbali tal-15 ta' Jannar 2004 fejn il-Qorti laqghat it-talba kontenuta fir-rikors tas-*Social Worker* Josephine Caruana u ddiferiet il-kawza ghall-iskop indikat; tat-3 ta' Marzu 2004; u tat-13 ta' Mejju 2004 fejn xehdet l-imsemmija *Social Worker.* Il-konvenut bil-gurament iddikjara li ilu aktar minn sena li waqaf mix-xoghol ghaliex jinsab eccitat. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghat-28 t'Ottubru 2004.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma mill-Assistenti Gudizzjarji, inkluz x-xhieda kollha quddiemhom prodotta, u d-dokumenti kollha pprezentati.

Rat li l-konvenut baqa' ma pprezentax l-eccezzjonijiet tieghu minkejja li nghata c-cans li jaghmel dan fil-verbal tal-1 ta' Gunju 2000, u ghalhekk baqa' kontumaci.

Rat in-nota ta' l-attrici datata 4 t'Ottubru 2004 fejn gew pprezentati kopji tal-kuntrat ta' separazzjoni datat 11 ta' April 1995 u dak tas-7 ta' Mejju 1998 fl-atti tan-Nutar Carmel Gafa'.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi f'din il-kawza l-attrici qed titlob bazikament li jigu likwidati l-ammonti ta' manteniment li l-konvenut obbiga ruhu li jhallas lill-attrici ghaliha u ghat-tliet uliedha minuri permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni datat 11 ta' Frar 1995 fl-atti tan-Nutar Dr. Carmel Gafa' kif emendat b'kuntratt iehor datat 11 ta' April 1995.

Illi l-istess konvenut baqa' kontumaci *stante* li minkejja d-digriet ta' din il-Qorti kif diversament presjeduta datat l-1 ta' Gunju 2000 l-istess konvenut baqa' ma prezenta l-ebda nota ta' eccezzjonijiet.

Illi fil-fatt jirrizulta li mill-provi prodotti l-istess konvenut kien obbliga ruhu li jhallas permezz tal-kuntratti ta' separazzjoni fuq indikati s-somma ta' tmenin lira Maltin (Lm80) kull hmistax, u dan bhala manteniment ghall-istess attrici u ghat-tliet uliedha Christian (li meta saret il-kawza f'Jannar 1999 kellu tlettax-il sena), Edmike (li kellu hdax-il sena), u Michael (li kellu seba' snin). Illum allura fis-sena 2004 l-kbir ghandhu tmintax-il sena, il-fustani sittax-il sena, u z-zghir tnax-il sena, ghaliex minn meta giet intavolata l-kawza ghaddew hames snin.

Illi l-attrici tghid li sad-data tal-31 ta' Lulju 1997 l-istess konvenut kellu jaghtiha bhala manteniment ghaliha u ghal uliedha l-ammont ta' erbat elef, tmien mija u tletin lira Maltin (Lm4,830) u ghalkemm il-konvenut jghid li huwa hallas xi ammonti bhala manteniment ghal dan il-perjodu, din il-Qorti thoss li l-allegazzjonijiet attrici gew ippruvati, u ma gew kontrasti bl-ebda mod bi provi konkreti mill-istess konvenut. Fil-fatt il-konvenut jallega li l-istess ammonti tahom direttament lit-tfal tieghu. Izda dan ma gie bl-ebda mod ikkorroborat u wisq anqas ippruvat, u ghalhekk certament li l-ammont indikat mill-attrici sal-perjodu tal-31 ta' Lulju 1997, kif sorrett anke minn ittra li l-istess attrici baghtet lid-Dipartiment tas-Servizzi Socjali, qed jigi meqjus li huwa dovut.

Illi l-attrici tghid anke fid-dikjarazzjoni li saru hlasijiet ta' manteniment ghalkemm irregolari bejn Lulju 1997 sa Lulju 1998, izda l-istess konvenut ma hallas l-ebda manteniment ghall-perjodu bejn Lulju 1998 sa Jannar 1999, izda jirrizulta li b'effett mis-7 ta' Mejju 1998, sar tibdil fl-ammont ta' manteniment dovut mill-konvenut, tant skond l-istess kuntratt fl-atti tan-Nutar Carmel Gafa' datat 7 ta' Mejju 1998 tali manteniment gie mnaqqas ghal ghaxar liri (Lm10) fil-gimgha ghat-tliet ulied, u hames liri Maltin (Lm5) fil-gimgha ghall-attrici, b'kollox hmistax-il lira (Lm15) fil-gimgha. Allura ma' l-istess somma fuq indikata

trid tizdied is-somma ta' tliet mija u disghin lira Maltin (Lm390) relattiva ghal dan l-imsemmi perjodu bejn Lulju 1998 u Jannar 1999, b'dan ghalhekk li l-ammont ta' arrettrati dovuti mill-konvenut lill-attrici bhala manteniment ghall-istess attrici u uliedha skond il-kuntratti ta' separazzjoni fuq indikati jammonta ghal hamest elef, mitejn, u ghoxrin lira Maltin (Lm5,220 cjoe' Lm4,830 + Lm 390). Dan allura jfisser li a bazi tal-premess l-ewwel zewg talbiet attrici ghandhom jigu milqugha.

Illi dwar it-tielet talba attrici jinghad li fl-opinjoni ta' din il-Qorti, dejjem a bazi tal-provi prodotti, ma hemm ebda raguni ghaliex l-istess kuntratt ta' separazzjoni ghandu jigi varjat fil-kuntest ta' l-alimenti li dwarhom qablu l-partijiet, anke in vista tal-fatt li tali kuntratt huwa ligi bejn il-partijiet. Illli huwa veru li fis-seduta tat-13 ta' Mejju 2004 il-konvenut iddikjara li ma jahdimx u kien ilu sena wieqaf peress li skond huwa bhalissa jinsab eccitat. Pero' din id-dikjarazzjoni certament li ma hijiex kredibbli peress li cirka hames (5) xhur qabel u dan kif jirrizulta fil-verbal tas-seduta tal-10 ta' Dicembru 2003, huwa ddikjara li jaqla' Lm62 fil-gimgha u jahdem 79, Qormi Road, Santa Venera. Allura jidher car li l-konvenut ma huwiex qed jghid il-verita' ghar-ragunijiet ovvji, fejn jidher car li fid-dikjarazzjonijiet li ghamel huwa kkontradixxa lilu stess, u jidher car fl-opinjoni ta' din il-Qorti li huwa qed jipprova jelludi l-obbligi tieghu naxxenti mill-kuntratt ta' separazzjoni bejn il-partijiet.

Illi in kwantu jirrigwarda l-minuri Edmike, li llum ghandu sbatax-il sena, jidher li hemm diffikultajiet serji ghaliex l-istess kien jinsab isegwi programm ta' Formula 1 taht id-direzzjoni ta' l-Agenzija Appogg, u fic-cirkostanzi din il-Qorti thoss li l-istess kaz ta' l-imsemmi minuri ghandu jibqa' jigi segwit u moniterjat mill-istess Agenzija Appogg anke *tramite* s-*social worker* Josephine Caruana. Dan anke biex jigi re-integrat l-access mal-missier, b'dan li ghandu jittiehed in konsiderazzjoni kemm ix-xewqat ta' l-istess minuri, kif ukoll l-allegazzjoni li saret f'dawn il-proceduri li l-post fejn jghix il-konvenut huwa kkundannat u allura ta' perikolu, b'dan li l-istess minuri ghandhu jinghata l-kura kollha psikjatrika u ta' terapija li jkun hemm

bzonn, u dan dejjem wara konsultazzjoni mal-genituri ta' l-istess iben, u wkoll wara li jittiehed il-parir ta' persuni addattati u professjonali fil-materji rispettivi. Illi f'dan is-sens ir-rikors tal-konvenut datat 9 ta' Dicembru 2003 ghandu jigi kkunsidrat bhala michud, salv li jigi re-integrat l-access mal-missier kif qed jinghad f'din id-decizjoni, u dejjem taht il-harsien ta' l-Agenzija Appogg, u b'dan li l-konvenut jiddezisti milli jaghti kummenti dispreggjattivi fil-konfront ta' l-istess minuri fil-prezenza ta' l-istess. Mill-banda l-ohra l-attrici ghandha wkoll tiddezisti bl-istess mod li b'xi mod tghid kliem negattiv fil-konfront tal-missier quddiem l-istess minuri. Fuq kollox l-istess genituri ghandhom isegwu l-pariri tas-*social worker* ta' l-Agenzija Appogg li hija nkarigata bil-kaz ta' l-istess minuri.

Illi din id-decizjoni qed tittiehed anke fl-istess tal-fatt li l-kbir mit-tfal minuri, Christian, ghandu wkoll probemi ohra tieghu peress skond il-premessi attrici huwa jsofri minn *handicap* mentali, u jidher ukoll li hemm problemi serji sabiex l-istess omm tlahhaq ma' dawn id-diffikoltajiet kollha. Allura din il-Qorti tinnomina lill-Agenzija Appogg sabiex fl-interess suprem ta' l-istess minuri timmonitorja s-sitwazzjoni anke rigward l-ulied l-ohra li jghixu ma' l-attrici, u taghti dawk il-rakkomandazzjoni kollha necessarji fl-interess ta' l-istess minuri u sabiex tigi meghjjuna l-attrici fil-kura u kustodja ta' l-istess.

Illi ghalhekk fil-kuntest tat-tielet u r-raba' talba attrici din il-Qorti thoss li tenut kont tac-cirkostanzi partikolari kollha tal-kaz, u in vista ta' dak li l-partijiet qablu dwaru fil-kuntratt ta' separazzjoni ta' bejniethom hekk kif emendat, ir-rata ta' alimenti li ghandha tithallas mill-konvenut lill-attrici ghandha tibqa' l-istess kemm ghaliha u kemm ghall-istess minuri, b'dan allura li jirrizulta li mid-data tal-prezentata tac-citazzjoni attrici sad-data ta' din is-sentenza l-konvenut huwa moruz ghall-perjodu ta' hames (5) snin u seba' (7) xhur u ghaxart ijiem manteniment, u cjoe' ghall-perjodu bejn it-18 ta' Jannar 1999 sat-28 ta' Ottubru 2004, li huwa ekwivalenti ghal erbat elef, tliet mija, sitta u sebghin lira Maltin u tnejn u erbghin centezmu, (Lm4,376.42), li jirrizulta minn kif gej:

| | |
|---|---|
| 5 snin x 780 = | Lm 3,900.00 |
| 7 xhur manteniment = | Lm 455.00 |
| 10 t'ijiem manteniment = | Lm 21.42 |
| | Lm 4,376.42 |

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi fil-kontumacja tal-konvenut, filwaqt li **tichad it-tielet talba attrici, tilqa' t-talbiet attrici l-ohra kollha** biss u fis-sens hawn deciz b'dan illi:-

1. Tilqa' l-ewwel talba attrici b'dan li tiddikjara li l-konvenut Attard Michael huwa moruz f'ammont ta' hamest elef, mitejn u ghoxrin lira Maltin (Lm5,220) rapprezentanti manteniment li huwa kien legalment permezz ta' kuntratt obbligat li jivversa lill-attrici ghaliha nfisha u ghat-tliet uliedu minuri, u dan ghal perjodu sad-data tal-prezentata tac-citazzjoni attrici fit-18 ta' Jannar 1999. Il-Qorti tikkonferma li l-obbligu kontrattwali tal-konvenut ghall-hlas ta' tali manteniment ghadu hemm.

2. Illi konsegwentement din il-Qorti tilqa' wkoll it-tieni talba attrici u tikkundanna lill-konvenut Attard Michael ihallas lill-attrici l-ammont ta' hamest elef, mitejn, u ghoxrin lira Maltin (Lm5,220) rapprezentanti manteniment li huwa kien legalment permezz ta' kuntratt obbligat li jivversa lill-attrici ghaliha nfisha u ghat-tliet uliedu minuri, u dan ghal perjodu sad-data tal-prezentata tac-citazzjoni attrici fit-18 ta' Jannar 1999, bl-imghaxijiet legali mid-data tad-29 ta' Ottubru 1999 sal-effettiv pagament.

3. Illi din il-Qorti thoss li fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz ma huwiex il-kaz li ssir revizjoni ta' l-ammont ta' retta alimentari li l-konvenut ghandu jivversa lill-attrici u lit-tliet uliedu minuri, u dan mehud in konsiderazzjoni dak li tesigi l-Ligi ta' Malta, u cjoe' l-htigijiet ta' l-attrici ghaliha, u ghat-tliet uliedha minuri u l-kundizzjoni socjali ta' l-istess kontendenti konjugi Attard.

4. Illi din il-Qorti tilqa' din it-talba biss fis-sens li tillikwida l-ammont dovut mill-konvenut bhala alimenti ghall-attrici u

ghal uliedha mid-data tal-prezentata tac-citazzjoni attrici fit-18 ta’ Jannar 1999 sad-data ta’ din is-sentenza, illum 28 ta’ Ottubru 2004, u dan *stante* li l-konvenut huwa moruz ghall-perjodu ta’ hames (5) snin u seba’ (7) xhur u ghaxart (10) ijiem fi hlas ta’ alimenti skond l-istess kuntratt ta’ separazzjoni bejn il-partijiet datat 11 ta’ April 1995 u emendat b’dak tas-7 ta’ Mejju 1998, fl-ammont ta’ erbat elef, tliet mija, sitta u sebghin lira Maltija u tnejn u erbghin centezmu (Lm4,376.42).

5. Illi tilqa’ din it-talba b’dan li tikkundanna lill-konvenut ihallas l-ammont hekk likwidat skond ir-raba’ talba attrici b’dan li l-interessi ghall-hlas ta’ l-istess arretrati ta’ manteniment likwidati skond l-istess raba’ talba tac-citazzjoni attrici ghandhom jibdew jiddekorru mid-data ta’ din is-sentenza, u tordna li l-istess ammonti ta’ alimenti skond il-kuntratt ta’ separazzjoni jibdew jitnaqqsu mill-paga jew salarju tal-konvenut minn kull *employer* ta’ l-istess konvenut, u jinaghataw lill-attrici fir-residenza taghha mill-istess *employer* attwali jew futur tal-konvenut. Il-Qorti tordna lill-attrici sabiex a spejjez taghha tinnotifika kopja legali ta’ din l-istess decizjoni lill-istess *employer/s* tal-konvenut sabiex l-imsemmija persuni jew entitajiet li jimpjegaw lill-konvenut jaderixxu ruhhom ma’ l-istess.

Bl-ispejjez kollha kontra l-konvenut, b’dan li din il-Qorti tordna n-notifika u komunika a spejjez attrici ta’ kopja legali ta’ din id-decizjoni lill-Agenzija Appogg, lil persuna responsabbli mid-dar Suriet il-Bniedem, u lill-Awtorita’ tad-Djar, din ta’ l-ahhar minhabba l-istat allegat tal-fond fejn jghix il-konvenut 30, Villambrosa Street, Hamrun.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------